MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 608/2002/1

**Avviz Numru 608/02 AJD**
**Salvino Farrugia**

**vs**

**Graziella Belkeir**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm176.00) rappresentanti danni kawzati mill-konvenuta fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DRE 010 propjeta’ tal-attur u misjuqa minn Andrea Farrugia u dan permezz ta’ ‘trolley’ tal-metall li kien qieghed jintuza mill-konvenuta gewwa Triq il-Kullegg, ir-Rabat.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet li ebda ammont ma hu dovut minnha lill-attur fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

Ra n-nota prezentata mill-attur fejn huwa rriduca t-talba tieghu ghal disgha u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm79.43).

Sema' x-xhieda ta' PS 860 Keith Caruana, Andrea Farrugia, Salvino Farrugia u tal-konvenuta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident li sehh fit-28 ta' Dicembru 2000 f'College Street, ir-Rabat meta waqt li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DRE 010 kienet qed tinstaq minn Andrea Farrugia, is-sewwieq awtorizzat mill-attur, fit-triq imsemmija, din il-vettura sfat milquta minn 'trolley' tal-metall li jintuza fis-'supermarkets' li kien qed jigi mbuttat mill-konvenuta. Andrea Farrugia xehed li waqt li kien qed isuq il-vettura msemmija f'College Street, li hija triq dejqa u 'one way', huwa ra lill-konvenuta miexja fuq il-bankina timbotta trolley b'id wahda u zzomm id tifel zghir b'id ohra. Hija kienet akkompanjata minn ragel. Dan ix-xhud jghid li l-bankina in kwistjoni hija wkoll pjuttost dejqa u li ma kienx hemm vettura pparkjati ma din il-bankina izda kien hemm vetturi ohra pparkjati man-naha l-ohra tat-triq. Malli ghadda biswit il-konvenuta huwa sema' hoss fuq in-naha ta' wara tal-vettura tieghu, man-naha tas-sewwieq. Huwa ghalhekk waqaf u ra t-trolley maqlub mal-art u l-'panel' ta' fuq ir-rota tal-vettura misjuqa minnu maqlugh il-barra. Il-konvenuta bidet tghajjat mat-tifel u tghidlu li kien qed igenninha. Skond Andrea Farrugia, hija accettat li taghmel tajjeb ghall-hsara fil-vettura ta' Farrugia u fil-fatt taghtu n-numru tat-telephone u n-numru tal-karta tal-identita' tagha. Farrugia mar jaghmel rapport l-Ghassa tar-Rabat. Is-Surgent prova jikkomunika mal-konvenuta dak il-hin stess, izda inutilment u ghalhekk informa lil Farrugia li kien ser jerga' jipprova aktar tard. Meta xehed is-Surgent huwa

spjega li prova diversi drabi jikkomunika mal-konvenuta izda qatt ma rnexxielu jkellimha. Andrea Farrugia jghid li wara hafna tentattivi huwa rnexxielu jkellem lill-konvenuta izda din l-ewwel qaltlu li ma kienetx disposta thallas ghall-hsara stante li huwa kien ghamel ir-riparazzjonijiet minghajr ma nfurmaha u wara qaltlu li ma kienetx ser taccetta responsabilta' ghall-incident peress li kien hu li laqat it-'trolley' u mhux vice versa. Farrugia jghid li hu kien qed isuq madwar pied il-boghod mill-bankina.

Illi l-konvenuta kkonfermat li kienet qed timbotta 'trolley' mghobbi bix-xirja li kienet ghadha kemm ghamlet izda qalet li kienet qed timbotta t-'trolley' b'zewg idejn u li f'hin minnhom it-tifel li kien miexi hdejha fuq il-bankina kellimha, hija ghalhekk waqfet it-'trolley' u qabdet id it-tifel. Waqt li kienet wieqfa , ghaddiet il-vettura ta' Farrugia minn ma genbha u 'nahseb li, jew bir-rih tal-istess vettura, jew bir-rota, intlaqat it-'trolley' li beda jimxi ahdu u ntlaqtet il-vettura li ghadni kemm semmejt". Dejjem skond il-konvenuta, it-triq in kwistjoni hija 'two way' u jghaddu zewg vetturi ghaddejjin fid-direzzjoni opposta. Il-konvenuta tghid ukoll li malli waslet id-dar sabet messagg mill-Ghassa tar-Rabat li xtaqu jkellmuha dwar dan l-incident izda meta marret l-Ghassa ma sabitx lis-Surgent in kwistjoni.

Illi t-Tribunal jghid mill-ewwel li l-verzjoni moghtija mill-konvenuta hija ghal kollox inverosimili stante li wiehed difficilment jifhem kif 'trolley' tal-metalll mghobbi b'xirja ta' hames basktijiet jista' jiccaqlaq bir-rih ta' vettura. It-tieni ipotesi tal-konvenuta li t-'trolley' ntlaqat bir-rota tal-vettura ta' Farrugia hija wkoll inverosimili stante li t-triq in kwistjoni hija 'one way', kif ikkonstata t-Tribunal li acceda privatament fuq il-post, u ghalhekk Farrugia ma kellu ebda raguni sabiex isuq inkaxxat mal-bankina, kif qed tipprova tallega l-konvenuta. Inoltre t-Tribunal ma jistax jifhem kif il-konvenuta ddecidiet li zzomm id it-tifel biss meta waqfet u mhux waqt li kienet miexja. Il-verzjoni ta' Andrea Farrugia hija ferm aktar kredibbli u fil-fehma tat-Tribunal l-incident 'de quo' sehh unikament tort tal-konvenuta li ma kellhiex kontroll adegwat tat-'trolley' li kienet qed timbotta.

Illi l-'quantum' tad-danni reklamati ma' giex kontestat mill-konvenuta u inoltre l-attur esibixxa l-istima relattiva ghall-prezz tal-'parts' u tal-'labour'.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrci u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' disgha u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm79.43), bl-imghaxijiet legali paagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**